# IL-ĦRAFA TAD-DENFIL

Smajt min igħid aktar minn darba fi tfuliti, li d-dniefel, li bosta drabi jidhru n-naħa tax-xtut tagħna, iħobbu lir-rġiel waqt li joboghdu b'mibegħda kbira lin-nisa. Bħala xhieda ta' dan, niftakar ukoll li kont smajt ħrafa żgħira, u li jiena sejjer inġibha hawnhekk :—

Darba waħda fis-sajf—tgħid il-ħrafa—hawn Malta, kien hemm żewġ subien igħumu fil-baħar ma' ġenb ix-xatt. Wieħed minnhom kien igħum għerwien ħuta, waqt li l-ieħor kien igħum bil-qmis.

Dawna ħarġu ftit il-barra, u rahom denfil, u ġie jiġri lejhom.

Lil dak li kien igħum bil-qmis id-denfil ħasbu tifla, u għal hekk, kollu mgħaddab, għadda minn taħtu u qasmu tnejn bil-munxar li għandu fuq dahru.

It-tifel l-ieħor twerwer meta lemaħ dan, għax ħaseb li d-denfil issa kellu jagħmel għalih u jaqsmu tnejn lilu wkoll. Għal-hekk, beda jaqdef bil-għaġla lejn ix-xatt, imma bil-qatgħa ħedel, u kien sejjer u kollox jinżel taħt l-ilma u jegħreq.

Id-denfil lemaħ dana. Ġie jiġri b'saħħtu kollha lejn it-tifel, refgħu fuq dahru bil-ħlewwa u ħadu lejn ix-xatt fejn qiegħdu qajl-qajl fuq ir-ramel u hekk ħelsu mill-mewt.

F'dak iż-żmien ta' żgħożiti niftakar ukoll li smajt ħrafa oħra li tgħid il-għaliex id-dniefel iħobbu lir-rġiel u jistkerrhu lin-nisa. Sejjer inġibha hawn ukoll. Din hi :

Darba waħda kien hemm denfil żagħżugħ igħum fil-baħar qrib ix-xatt. Kien qiegħed iżiġġ u jaqbeż ġewwa l-ilma kollu ferħan. Imma l-imsejken għal ftit il-ferħ tiegħu ma tbiddillux kollu f'daqqa f'hemm, għax meta qabeż qabża kbira sab ruħu, bla ma ried, fuq l-art, fin-niexef, u għad li beda jitħabat biex jaqbeż mill-ġdid il-baħar, ma' satagħx jagħmel dan.

Ħabat li kienet hemm waħda mara qrib il-baħar li malli rat id-denfil fuq l-art fetħet ħalq daqs xkora u bdiet tgħajjat kemm tiflaħ : "Tala' denfil ! Tala' denfil ! Nies, għaġġlu ! Ejjew oqtluh !"

Qrib, bil-qiegħda fuq blata kien hemm raġel xiħ qiegħed jixxemmex. "Uh ! Dan x'għajjat hu ?...Donnok waħda miġnuna !" qal ix-xiħ. Il-għaliex tridhom joqtluh lid-denfil ? La għamel ebda deni anqas laħmu ma jittiekel. Ħallih imur fil-baħar tiegħu u jgħix, ħliqa t'Alla". Kif qal dal-kliem gerbeb fil-baħar lid-denfil bit-tarf tal-ħatar li kellu f'idu,u ħallieh imur.

Id-denfil iż-żagħżugħ wara' dil-ġrajja mar sab lil sħabu u qalilhom b'kull ma kien ġara. Dawka ftiehmu l-koll li minn

dak inhar il-quddiem kellhom igħinu kemm jistgħu lir-rġiel iżda jagħmlu deni kemm jifilħu lin-nisa kull darba li jsibuhom fil-baħar tagħhom.

Mill-ewwel daqqa ta' għajn ħafifa lejn dawn iż-żewġ ħrejjef, wieħed jista' jaħseb li ma humiex ħaġa oħra għajr żewġ ħliqiet tat-tfal, għal mogħdija taż-żmien; imma min iħares ilhemm minnhom, naħseb jien, għandu jsib xi ħaġ'aktar minn naqra ta' ċajta, kif nixtieq kieku nuri hawnhekk.

Nafu li Malta kellha dejjem x'taqsam man-nies baħħara; m'hux fi żmien il-Kangħanin biss, imma mijiet, u aktarx ukoll eluf ta' snin qabilhom. Dawn iż-żewġ ħrejjef—l-aktar l-aħħar waħda—fihom it-togħma ta' ħrejjef maħluqa minn irġiel baħħara biex ibiegħdu min-nisa l-ħajra li jsiefru magħhom.

Dan jidher l-ewwel nett milli fil-ħrafa jissemmew id-dniefel u m'hux ħut ieħor. Id-denfil, bħal ma nafu, iħobb iħuf u jitbahrat ma' dwar l-imriekeb, u ma satagħx ikun li ma jatix bħal wens lill-baħħâra ewlenija, maqtugħin għal kollox mill-art, igħumu weħedhom fost l-ilmijiet, fuq qoxra ta' ġewża. Għalhekk donnu ġiehom il-ħjiel igħidu li d-dniefel iħobbu lir-rġiel.

B'daw' l-ħrejjef il-baħħâra riedu jbeżżgħu lin-nisa li jewilla ma jfettlilhomx iridu jsiefru magħhom, u jekk għamlu hekk, kif qiegħed naħseb jien, kellhom tas-sew il għaliex.

Ma hux meħtieġ li wieħed isemmi kemm kien ikun xkiel kbir kieku f'dawk iż-żmenijiet xi nisa kienu jitħalltu mar-rġiel fuq l-imriekeb tas-safar. Is-safar, dak iż-żmien kien jiebes b'jiebusija li l-lum ftit nistgħu nifhmuha. Safra qasira kienet tinħtieġ m'hux jiem, imma ġmiegħi. Ikel ftit, u jġebbdu kemm jistgħu, għax is-safra ma jafux meta tinħeles, anqas miex jiltaqgħu meta jmiddu riġilhom fl-ewwel art. Irqâd ftit ukoll, fuq l-iebes u għal beraħ. Xemx bi nhar u reżħa bil-lejl. Dan bla ma wieħed isemmi it-taħbit u t-taqtiq ta' qalb ta' meta jfettillu jqum il-baħar. Għad li l-baħħâra ta' dari kienu jfittxu li dejjem, jew aktarx dejjem ibaħħru fi żmien is-sajf, b'dana kollu m'hix darba u tnejn li jqum ir-riħ u l-baħar jagħrar sa fix-xhur tal-aqqall sħana. Mur ara xi xkiel kienu jkunu n-nisa bit-twerżiq u l-għajjat tagħhom f'taħbiliet bħal dawk!

Dan kollu, barra minn taħbiliet oħra li tagħhom in-nisa kellhom bla nuqqas ikunu l-ħtija kieku l-baħħâra kienu jeħduhom magħhom għas-safar, kif min jaqra jista' jifhem waħdu bla ma jgħidlu ħadd. Imma dan il-ftit li hawn imtarraf hawnhekk, nistħajjel li hu biżżejjed biex juri li dawn il-ħrejjef tad-dniefel setgħu wisq tajjeb ikunu ħliqa tal-Kangħanin, jew imqar tannies ta' qabilhom li kienu fi żmienijiet imbiegħda jaħartu l-baħar tagħna bix-xwieni tagħhom,

L. C.